MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1122/2002

Kawza fil-lista: 15

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Billi l-kontendenti kellhom relazzjoni ghal fuq minn ghoxrin sena u minn din ir-relazzjoni taghhom huma kellhom tifel wiehed, Edward **B D**, illi twieled fit-23 ta’ Lulju 1998.

Billi mit-twelid tal-minuri ibnu, l-attur **A B** ippartecipa b’mod shih fit-trobbija tieghu minghajr pero’ ma jintrometti ruhu izzejjed fir-rapport ta’ bejn il-minuri u l-konvenuta, **C**

**D**, illi kellha u ghad ghandha l-kura tal-minuri u li ghalhekk kienet principalment responsabbli ghat-trobbija tal-minuri. L-attur pero' kien u ghadu jissomministra manteniemnt generuz hafna ghall-minuri (fis-somma ta' cirka Lm450 fix-xahar) u, di piu', huwa jhallas il-kontijiet kollha konnessi mal-htigijiet tal-minuri.

Billi r-relazzjoni bejn il-kontendenti prattikament spiccat xi zmien ilu, b' mod illi l-interazzjoni taghhom jirrigwarda principalment il-minuri.

Billi l-kontendenti faslu u, sa ftit ilu, ppreservaw arrangamenti dwar l-access tal-esponent ghall-imsemmi minuri ibnu, b' mod illi ghal dawn l-ahhar snin l-esponent kien jivvizita lil ibnu kuljum bejn is-7.00pm u d-9.00pm fid-dar tar-residenza tal-konvenuta, b' mod illi l-attur u l-imsemmi minuri ghandhom rapport shih u b' sahhtu.

Billi fl-20 ta' Awissu 2002 u ghal ragunijiet illi ma humiex ghal kollox cari ghall-attur izda illi huma probabilment konnessi mad-dizappunt tal-konvenuta bir-rapport taghha mal-istess attur, l-istess konvenuta irrifjutat illi tippermetti lill-attur illi jivvizita u jaccedi ghall-imsemmi minuri ibnu.

Billi r-rifjut tal-konvenuta illi tippermetti lill-attur illi jivvizita lil minuri ibnu ippersista sallum u qeghda tirrifjuta it-tentattivi tal-attur illi jikkomunika maghha jew mat-tifel.

Billi kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' digriet (hawn esibiti uniti bhala Dokumenti A u B), l-kontendenti ipprocedew kontra xulxin fis-Sekond' Awla ta' din il-Qorti dwar l-access ta' l-attur. L-attur talab illi jinghata access xieraq, filwaqt illi l-konvenuta, wara illi allegat l-alkoholizmu u l-vjolenza ta' l-attur, talbet illi l-access tal-attur jkun soggett ghal supervizjoni ta' social worker mill-Agenzija Appogg.

Billi b' digrieti bin-numru 1689/2002 u 1686/2002 moghtija fit-30 ta' Settembru 2002, l-istess Sekond' Awla ta' din il-Qorti Civili ddegretat it-talbiet rispettivi tal-kontendenti billi ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Edward **B D** tigi fdata lill-istess konvenuta u illimitat l-access ta' l-attur ghal ibnu Edward **B D** ghal darbtejn fil-gimgha, liema access

ghandu jsir taht is-supervizjoni ta’ social worker innominat mill-agenzija Appogg u li dan ghandu wkoll jiffissa l-granet u l-hinijiet ta’ l-access. Il-Qorti ordnat ukoll illi dan l-access ghandu jibqa’ jsir taht supervizjoni sakemm l-istess social worker jidhirlu illi l-attur jista’ jinghata access mhux taht supervizjoni.

Billi d-digrieti hekk moghtija mis-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti inghataw minghajr smiegh tal-partijiet kontendenti u minghajr investigazzjoni indipendenti, anke permezz ta’ esperti, tal-allegazzjonijiet tal-konvenuta kontra l-attur, b’ mod illi ma jirrizulta minn imkien fl-atti taz-zewg digrieti ghalfejn dik il-Qorti ghazlet illi temmen l-allegazzjoni tal-konvenuta u tinjora ic-cahdiet elaborati ta’ l-attur, f’ materja tant delikata u ikkomplikata bhala ma hi dik tar-rapport bejn genitur u l-wild tieghu.

Billi l-attur huwa aggravat mill-ordnijiet hekk moghtija mis-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti billi bhala effett ta’ tali digrieti, ir-rapport tal-attur ma’ ibnu gie degradat konsiderevolment billi sejjer jigi mibdul minn rapport normali illi matulu l-attur kien jilghab mat-tifel, jaqralu l-istejjer, jraqqdu etc ghal wiehed kondott f’ ambjent stramb u inpersonali u sindikat mill-barranin.

Billi l-attur jissottometti illi dana l-istat ta’ fatt sejjer ikun ta’ hsara ghall-istess minuri illi jinsab hekk inutilment priv mill-imhabba, l-kura u l-attenzjoni ta’ missieru. Illi l-attur jissottometti inoltre illi huwa ta’ hsara emozjonali ghall-imsemmi minuri illi r-rapport tieghu ma’ persuna daqstant importanti bhal missier jkun soggett ghad-diskrezzjoni, ir-rabja, u l-burdati ta’ ommu, b’ mod illi tali rapport jinqata’ hesrem ghaliex il-konvenuta jkollha xi tghid ma’ missieru.

Tghid l-istess konvenuta ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tirrevedi id-digrieti fuq imsemmija bin-numru 1689/2002 u 1686/2002 moghtija fit-30 ta’ Settembru 2002, mis-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti Civili billi prevja dikjarazzjoni illi l-perjodi u l-modalitajiet tal-access stabiliti fl-imsemmija digrieti ma humiex fl-interess tal-minuri Edward **B D** u

previa okkorrendo ukoll il-konferma tal-affidament tal-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri mill-istess konvenuta, tistabbilixxi granet u hinjiet ghall-access ta' l-attur lill-imsemmi minuri ibnu Edward **B D** illi jkunu regolari u ampji bizzejjed sabiex ir-rapport shih gia ezistenti bejn l-istess minuri u l-attur jippersisti u jigi ppreservat u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u bil-modalitajiet illi jigi stabbiliti minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Id-digrieti bin-numru 1689/2002 u 1686/2002 moghtija mis-Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Settembru 2002 huma gusti u jimmeritaw konferma in kwantu ibbazati fuq ammissjoni f' ittra miktuba mill-attur stess illi huwa qed ibati mill-problema serja tal-alhohol.

2. Illi l-akkuza maghmula mill-attur kontra l-Onorabbli Sekond' Awla illi dawn id-digrieti "ma humiex fl-interess tal-minuri Edward **B D**" hija akkuza ingusta daqskemm hija bla ebda bazi fattwali u legali.

3. Illi l-attur jidhirlu li hu ghandu jithalla jkollu kuntatt mal-minuri Edward anke meta hu jipprezenta ruhu fis-sakra u ma jkunx f' qaghda li jiehu hsieb tieghu nnifsu.

4. Illi biex l-attur jghid li m' ghandux problema serja ta' alkohol irid jichad l-ghajnuna li ppruvaw jaghtih il-counsellor, Joe Calleja, il-psikjatra Dr. Peter Muscat, Angele Licari.

5. Illi l-eccipjenti la qatt kellha u lanqas ghandha oggezzjoni ghall-kuntatt ta' l-attur ma' Edward meta l-attur ma jipprezentax ruhu fis-sakra. Difatti, wara li nghata l-imsemmi digriet mis-Sekond' Awla, l-attur gie jara lil Edward kemm-il darba u, ghaliex ma kienx xurban, dejjem thalla jara lit-tifel. Minhabba x-xorb, hemm il-htiega li l-

access ikun sorveljat almenu mill-eccipjenti. M’ hemm l-ebda raguni ghaliex is-sitwazzjoni ghandha tinbidel.

6. Illi l-eccipjenti tosserva li l-affidavits prodotti mill-attur huma ta’ hbieb jew persuni li ghandhom relazzjoni, jew ahjar rabta, ta’ negozju ma’ l-attur u dan il-fatt din l-Onorabbli Qorti ghandha tqisu. Inoltre, l-eccipjenti ma tistax ma tiddeplorax it-taghrif inveritjier li nghata f’ uhud mill-affidavits, specjalment minn wiehed mix-xhieda li ma qalx li huwa stess ghandu problema serja ta’ alkohol.

7. Fl-ahharnett, l-affidavit ta’ Dr. Frederick Zammit Maempel ‘must be read between the lines’. Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkunsidra kollox bl-akbar cirkospezzjoni.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenuta rikonvenzjonanti u li tinsab a fol.66 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, it-talba tal-konvenuta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma digriet moghti mis-Sekond’ Awla ta’ dina l-istess Qorti hija vessatorja u superflua u timmerita li tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta stante l-fatt illi digriet jibqa’ in vigore sakemm ma jigux intavolati proceduri ghar-revizjoni ta’ l-istess digriet bhal dawk istitwiti mill-istess attur eccipjent;

2. Illi fit-tieni lok, l-opposizzjoni tal-eccipjent ghat-talbiet tal-konvenuta jirrizultaw mill-premessi u dikjarazzjoni tac-citazzjoni attrici u cioe’ illi l-access taht supervizjoni mitlub mill-konvenuta mhuwiex fl-interess tat-tifel minuri billi tezisti relazzjoni tajba ferm bejn l-eccipjent u ibnu u in oltre it-tifel ghandu bzonn il-presenza kontinwa ta’ missieru fit-trobbija tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-espert gudizzjarju l-Konsulent Psikjartra Dottor Joseph Vella Baldacchino, u tal-periti perizjuri l-Psikjatra Dottor Joseph Cassar u l-Psikjatra Dottor David Cassar, u l-Psikologa Dottoressa Anna Maria Cassar; minnhom debitament mahlufa;

Rat ir-rapport mahluf mill-Agenzija Appogg u prezentat fit-13 ta’ Ottubru 2005 rigward l-access ta’ l-attur that supervizjoni;

Rat id-diversi rapport ex parte esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tirrivedi d-digrieti numri 1689/2002 u 1686/2002 moghtija mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Settembru 2002 moghtija fuq zewg rikorsi maghmula mill-partijiet separatament rigwardanti l-kura u kustodja ta’ binhom minuri Edward u b’ mod partikolari l-modalita’ ta’ l-access favur il-missier, l-attur f’din il-kawza.

It-talba ta’ l-attur hija bazata: proceduralment fuq il-premessa li d-digrieti fuq citati kienu nghataw “minghajr smigh tal-partijiet kontendenti u minghajr investigazzjoni ndipendenti” ; u sostanzjalment fuq l-premessa li l-modalita’ ta’ l-access stabbilit f’ dawn id-digrieti ma humiex fl-interess tal-minuri. Ghaldaqstant talab revizjoni ta’ din il-modalita’ biex l-access ikun wiehed aktar ampju u regolari.

Illi in sostanza l-opposizzjoni tal-konvenuta ghat-talba attrici hija bazata fuq il-fatt minnha allegat li l-attur ibati minn problema serja ta’ l-alkohol; u tghid li hi “la qatt kellha u lanqas ghandha oggezzjoni ghall-kuntatt ta’ l-attur [mal-minuri] meta l-attur ma jipprezentax ruhu fis-sakra.

Illii fil-kontro talba taghha l-konvenuta talbet li din il-Qorti tikkonferma l-imsemmija digrieti ghal zmien indefenit fl-interess tal-minuri. Minn naha tieghu l-attur jopponi ghal din it-talba bl-argument li l-access that supervizjoni mhuwiex fl-interess tal-minuri; u inoltre, t-talba ghal konferma tad-digrieti, li ghadhom fis-sehh, hija superfluwa.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni twila bejn il-partijiet twieled it-tifel Edward **B D** fit-23 ta' Lulju 1998.

Illi permezz ta' l-imsemmija digrieti, u senjatament dak numru 1686/2002 moghti fit-30 ta' Settembru 2002, il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-konvenuta, allura rikorrenti, fis-sens li akkordatilha l-kura u kustodja tal-minuri Edward u akkordat favur l-attur, allura intimat, access darbtejn fil-gimgha "that supervizjoni ta' Social Worker li ghandu jigi nominat mill-Agenzija Appogg" liema access ghandu jibqa' jsir that supervizjoni sakemm l-istess Social Worker ma jipprezentax rapport f' sens kuntrarju.

Illi l-attur ihoss li l-access ghal ibnu ezercitat that supevizjoni huwa umiljanti ghalih u huwa ta' tfixkil serju ghall-izvilupp ta' relazzjoni tajba bejnu u bejn ibnu; u konsegwentement istitwixxa l-proceduri odjerni.

Illi fil-kors tal-proceduri sar da parti ta' l-attur zvilupp sostanzjali u determinanti, ghar-rizoluzzjoni tal-kaz, kif evidenzjat mir-rapporti tad-diversi esperti u professjonisti li ezaminawh u assistewh fil-problema tieghu li bazikament kienet tikkonsisti fil-konsum ta' alkohol f' sitwazzjonijiet stressanti ghalih, liema problema kienet tifforma r-raguni ghal-modalita' ta' supervizjoni waqt l-access.

Illi l-kronologija tal-fatti segwenti li sehhew fil-mori tal-proceduri ghandha relevanza ghar-rizoluzzjoni tal-kaz:

[1] Illi l-periti perizjuri, fir-rapport taghhom prezentat, fil-21 ta' Jannar <u>2004 </u>ikkonstataw li, filwaqt li l-attur ma jbatix b' kundizzjoni ta' dipendenza fuq ix-xorb, il-profil psikologiku tieghu jpoggih f' riskju serju li jabbuza l-alkohol f' perijodi

tal-hajja difficli. Ghalhekk ikkonkludew billi ssuggerew li l-attur "jghamel programm ta' rijabilitazzjoni, u sakemm dan isehh, il-vizti mat-tifel ghandhom jibqghu that supervizjoni."[1]

[2] Illi fis-7 ta' Ottubru 2005 l-Agenzija Appogg presentat rapport dwar "l-andament taz-zewg partijiet matul l-access that supervizjoni tal-minuri Edward, u missieru **A B**".

Minn dan ir-rapport jirrizultaw konstatazzjonijiet favorevoli hafna ghat-tesi ta' l-attur. Gie konstatat li "il-komunkazzjoni bejn il-missier u il-minuri hija tajba hafna, u l-hin li jqattaw flimkien huwa ta' kwalita' tajba…Il-minuri jkun kuntent meta jkun fil-presenza ta' missieru…...[u]……waqt il-vizti l-minuri jinvolvi lil missieru f' kull ma' jaghmel. Gie osservat ukoll li "il-minuri xi kultant jinjora lill-istess supervisor u jippretendi li qieghed wahdu fil-presenza ta' missieru."[2]

Fil-parti konklusiva tar-rapport gie rakkomandat access aktara ampju li pero' ghandu jkun monitored ghal perijodu ta' tlett xhur mill-Agenzija.

[3] Illi mir-rapport prezentat mid-Dottoressa Joan Camilleri, psikologa u psikoterapista, fl-4 ta' Novembru 2005 jirrizulta li dina bdiet tassisti lill-attur mit-18 ta' Settembru 2002 u "since that date Mr.**B** attended regularly for psychoterapy and psychological interventions." Hija kkonkludiet li l-attur "does not have a severe psychological or psychiatric problem… he is not addicted to alcohol and does not suffer from a dependent personality." Tghid ukoll li "he has changed significantly in order to maintain the presence of his son in his life. His son is still a source of great motivation for him." Tikkonkludi: "I can safely conclude that Mr.**B** is a responsible and reliable parent."[3]

[4] Illi wara l-prezentata tar-rapport tal-periti perizjuri, u fuq suggeriment tad-Dottoressa Joan Camilleri, l-attur fit-7 ta'

[1] Fol.233
[2] Fols.293 u 294
[3] Fol.330 – sottolinear tal-Qorti

Lulju 2004 kien irrefera lilu nnifsu lill-Alcohol Community Team fi hdan is-Sedqa, u fir-rapport taghha datat 27th March 2006, is-Social Worker Caroline Fenech tghid li "From the ongoing assessment carried out it is evident that Mr.**B** does not have a physicial dependency on alcohol." u kkonstatat ukoll li, nonostante l-problemi li l-attur qed jiffaccja fil-prezent mal-konvenuta relatati mal-access tat-tifel, "it has become clearer that Mr. **B** has been leading a much healthier lifestyle."[4]

Fix-xhieda taghha Dottor Camilleri tghid, rigward l-isforzi maghmula mill-attur biex jirranga l-posizzjoni teighu bl-iskop li jkun kapaci jiehu hsieb it-tifel tieghu, "when the person shows this kind of effort, I feel yes with consciousness to say that the parent is being reliable and responsible."[5]

[5] Illi dan jinsab konfermat mit-tabib Dottor Peter **B** li, wara ezami tar-rizultati tat-testijiet tad-demm maghmula fuq l-attur fis-27 ta' Marzu 2006, iccertifika "a decrease or abstention from alcohol intake" da partii ta' l-attur, u "specifically these results are consistent with a significant decrease in alcohol consumption."[6]

[6] Illi jirrizulta nkontestat li, nonostante t-tilwim mal-konvenuta, l-attur baqa' jhallas manteniment generuz ghal ben essere ta' ibnu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' materja ta' kura u kustodja, kif ukoll ta'modalita' ta' access, jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi, 'il fuq minn dawk tal-genituri tieghu. Minn naha l-ohra pero', ghandu jinghata piz ghad-dritt u obbligu ta' kull genitur li jagixxi b' mod li jsahhah ir-relazzjoni tieghu ma ibnu, fl-interess tal-partijiet kollha involuti; ghax huwa fl-interess tat-tifel li dana jkollu partecipi f' hajtu b' mod attiv iz-zewg genituri. Huwa ghandu bzonn l-omm daqs kemm ghandu bzonn il-missier u vice versa.

---

[4] Fol.323 – sottolinear tal-Qorti
[5] Fol.341
[6] Fol.324

Illi fil-kaz odjern l-opposizzjoni formali tal-konvenuta hija bazata fuq il-biza’ taghha li l-attur jkun that l-effett tax-xorb waqt li jkun fl-access mat-tifel, u ghalhekk qed tinsisti fuq is-supervizjoni. Jidher li s-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kienet accettat t-talba taghha u kienet ordnat li l-access ta’ l-attur favur ibnu jkun that supervizjoni ta’ Social Worker mill-Agenzija Appogg; izda l-istess Qorti kienet tat spazju u opportunita’ lill-attur sabiex jirregola ruhhu f’ dan ir-rigward, billi kkontemplat il-possibilita’ li s-supervizjoni titwaqqaf fuq rapport ta’ l-istess Social Worker.

Illi r-rapport tal-periti perizjuri taw ragun lill-konvenuta u kkonfermaw il-posizzjoni kif kontenuta fid-digriet precitat, fis-sens li, sakemm l-attur ma jghamilx programm ta’ rijabilitazzjoni, l-access kellu jibqa’ that supervizjoni.

Illi wara, u konsegwenzjali ghal, dan ir-rapport l-attur irrefera lilu nnifsu lis-Sedqa biex jsolvi l-problema li kellu, assistit ukoll mis-sena 2002 mid-Dottoressa Joan Camilleri. Il-motiv principali u, jidher ukoll uniku, wara din id-decizjoni ta’ l-attur kien, li jkun jista’ jara lil ibnu minghajr supervizjoni u b’ hekk tissahhah ir-relazzjoni ta’ bejniethom. Dan seta’ jsir wara li jkun gie “certifikat” mill-professjonisti koncernati li huwa persuna responsabbli u affidabbli.

Illi din il-Qorti, wara ezami tal-provi akkwiziti, partikolament ir-rapporti u x-xhieda tal-esperti u professjonisti koncernati, hija tal-fehma li, ghalkemm fl-istadju inizjali tal-proceduri odjerni l-kontestazzjoni tal-konvenuta kienet tidher gustifikata, izda fil-mori tal-proceduri, u rizultat ta’ l-isforz li ghamel l-attur, din il-gustifikazzjoni ma baqghetx tezisti ghax giet eliminata mid-diversi rapporti favorevoli ghall-attur, li wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li s-supervizjoni waqt l-access ta’ l-attur mhijiex aktar necessarju. Ghaldaqstant ic-cirkostanzi prezenti jirrikjedu tibdil ossia revizjoni tad-digriet precitat, kemm fl-interess ta’ l-attur izda principalment fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez, jigi osservat li hija gustifikata l-eccezzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat li l-kontro

talba hija superfluwa u ghalhekk l-ispejjez taghha ghandhom jibqghu a kariku tal-konvenuta. Minn naha tieghu l-attur ghandu jbaghti l-ispejjez ta' l-azzjoni promossa minnu, stante li t-talba tieghu qeda tintlaqa' minhabba cirkostanzi li zvolgew fil-mori tal-proceduri, u li rrendew gustifikata t-talba tieghu ghar-revizjoni tad-digrieti precitati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba ta' l-attur u tirriforma d-digrieti ndikati fic-citazzjoni, unikament minhabba cirkostanzi li zvolgew fil-mori tal-proceduri, u, filwaqt li tikkonferma li l-kura u kustodja tal-minuri Edward ghandha tibqa' f' idejn il-konvenuta, takkorda favur l-attur access ghal ibnu minghajr supervizjoni bil-modalita' segwenti: Fix-xitwa, darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-5.00pm sas-7.00pm, u gurnata fil-weekend, Sibt jew Hadd, b' mod alternat, mid-9.30am sat-4.00pm; fis-sajf l-access huwa estiz ghal tlett ijiem fil-gimgha u darba fil-weekend mid-9.30 am sas-7.00 pm; f' jum il-missier u bil-birthday tal-missier il-jum ta' l-access ikun sostitwit bil-gurnata koncernata jekk ma jikkojincidix mal-granet fuq indikati, u jkun mid-9.30 am sas-7.00pm, izda ghandhom jigu rispettati l-attivitajiet skolastici tat-tifel; fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena l-access tal-missier ikun bejn id-9.30am u 1.30 pm u mis-2.30pm sal-4.30pm b' mod alternat.

Il-partijiet qed jinghataw il-fakolta' li jifthemu mod jiehor dwar granet u hinijiet biex jaggustaw ahjar l-iskeda tagghom u tal-minuri, anke bl-assistenza ta' social worker mill-Agenzija Appogg li qeda tinhatar appozitament sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni ghal perijodu ta' tlett xhur, u tirrapporta lil din il-Qorti jekk ikun il-kaz, a spejjez taz-zewg partijiet.

L-ispejjez relattivi ghall-azzjoni, inkluzi dawk tar-rapport tal-esperti gudizzjarji, jkunu kollha a kariku ta' l-attur; filwaqt li dawk relattivi ghall-kontro talba jibqghu a kariku tal-konvenuta rikonvenzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------